# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 21/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Ludwig Cassar**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ludwig Cassar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 158880M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Frar 2009 ghal habta tas-saghtejn u ghaxra ta' filghodu (02:10am) barra l-istabbiliment Footloose li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 157 Brian Mifsud u PC 750 Terry James Mallia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 157 Brian Mifsud u PC 750 Terry James Mallia, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li

kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' uniformi tal-pulizija liema hsara ma tiskorrix Ewro 50 ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta.

4. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

5. Qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

6. Meta hekk mitlub naqas jaghti sewwa ismu, kunjomu u partikolarijiet ohra lill-Pulizija.

7. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recidiv;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Jannar, 2015, li biha, wara ammissjoni, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu sitt xhur prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ludwig Cassar, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn kien misjub hati izda thassarha fejn kien kkundannat sitt xhur prigunerija u minflok tapplika piena li tkun aktar kompatibbli mac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti processwali kollha;

Ikkunsidrat:

1. Dan l-appell huwa limitat ghal-piena kominata mill-ewwel Qorti wara l-ammissjoni tal-appellant u filwaqt illi l-appellant jirrikonoxxi illi bl-ebda mod ma huwa qed jilmenta mill-operat tal-istess Qorti jghid illi jezistu cirkostanzi ghaliex issa l-piena karcerarja ghandha tkun ezaminata mill-ottika tal-aspett riformattiv tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi;

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrisalu ghal Frar tas-sena 2009 meta l-appellant intlemah mill-Pulizija qed ipejjep fi stabiliment ta' divertiment gewwa Paceville. Huwa intalab id-dettalji personali tieghu kif ukoll sabiex johrog mill-istabiliment sakemm jittihdulu d-dettalji. Barra l-istabbiliment huwa rema s-sigarett mal-art u meta mwissi beda jidghi. Wara li ta d-dettalji, irrizulta li dawn kienu foloz u ttenta jitlaq minn fuq il-post izda kellu jkun mizmum u mehud l-ghassa sakemm isiru dawk il-verifiki. Fil-kors ta' dan, l-appellant irrezista l-arrest, tkellem oxxen fil-pubbliku, hedded lill-Pulizija li kien ser isibhom wiehed wiehed u hebb ghalihom diversi drabi. Waqt ir-rezistenza tieghu kien qatta' flok tas-servizz ta' wiehed mill-ufficcjali filwaqt li ufficcjal iehor intiliflu n-numru minn fuq l-uniformi tieghu;

3. Jibda biex jinghad illi huwa principju affermat fil-gurisprudenza illi din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, ma tiddisturbax d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-

Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015. Issa fil-kaz odjern ma hemm xejn censurabbli fil-piena kominata mill-ewwel Qorti. Filwaqt illi irid jinzamm fil-mira illi fid-data tal-kommissjoni tar-reat l-aktar gravi, igifieri dak ravvizat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, attakk jew rezistenza bi vjolenza kontra ufficcjali pubbliici, dan ir-reat kien punibbli bi prigunerija minn erba' xhur sa sena, l-appellant kien fil-verita inghata piena aktar lejn il-minimu. Il-gravita' ta' dan ir-reat timmanifesta ruhha f'attakk dirett lejn il-persuni inkarigati miz-zamma tal-ordni fil-pajjiz u huwa inacettabbli li dawn il-persuni ikunu soggettati ghal-biza ta' offizi fuq il-persuna taghhom li okkazjonalment tavverra ruhha bhal fil-kaz odjern. Huwa inacettabli ukoll illi l-appellant ma kienx ragel bizzejjed biex jirrikonoxxi li kien qed jaghmel hazin li jpejjep f'lok pubbliku, jiskuza ruhu u jissogetta ruhu ghal-piena ghall-dak l-agir. Minflok, ghazel li jkun konfrontali u jiddikjara li ma jiddejjaqx imur l-habs ghaliex kien ghadu kemm ghamel ghoxrin xahar inkarcerat. Dan it-tip ta' *bravado* mhux accettabli fis-socjeta' taghna tant illi l-piena marbuta ma' dan id-delitt llum hija ghal-prigunerija minn sitt xhur sa sentejn oltre multa ta' mhux anqas minn €4000 u mhux aktar minn €10,000;

**4.** Meta titqies il-gravita' ta' dan ir-reat u l-gradwatorja tal-piena ghal dan ir-reat kombinata mal-fedina penali tal-appellant din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ghandu jqis lilu nniffsu xxurtjat li ma kienx kundannat ghal-piena akbar mill-ewwel Qorti. Madankollu, anke ghaliex kif kostantement deciz minn din il-Qorti, kull kaz ghandu jkun deciz fuq il-mertu tieghu u dan japplika ukoll ghal-piena kominata. Dan qed jinghad ghaliex fil-kaz hawn skrutinat hemm fatti li jistghu jikkonvincu lil din il-Qorti li tilqa' t-talba tal-appellant. Jirrizulta illi l-appellant tressaq quddiem l-ewwel Qorti fis-sena 2009 u s-sentenza fil-konfront tieghu inghatat fis-sena 2015. L-appell tieghu kien misthareg proprju din is-sena u f'dan it-trapass ta' zmien l-appellant ma regax kien kkundannat ghal-xi reat iehor b'eccezzjoni ta' fatti *de minimis* fis-sena 2011. L-appellant ilu mpjegat fuq bazi *full time* ghal dawn l-

ahhar 18-il xahar, dejjem mal-istess azjenda li skond ittra minnu ezebita wera li hu bniedem afdat u dedikat;

5. Dan kollu huwa relevanti ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu *a window of opportunity* fejn il-piena kienet mibdula ghal wahda aktar miti f'cirkostanzi fejn kien muri li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u ddemostra sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu (ara per ezemplari s-sentenza Il-Pulizija vs Nathalie Felice App Krim 4.12.2014). Issa sabiex din il-Qorti tilqa' t-talba tal-appellant, ukoll sabiex taghti vuci ghar-rispett riformattiv tal-piena, tkun qeghda tistrieh fuq dik l-istampa, kulltant fragli hafna, mressqa mill-appellant. Stampa din li tista' facilment tittappan meta l-passat ta' dak li jkun jista' jerga jilhaq mieghu u li ghalhekk l-isforzi sabiex wiehed izomm fit-triq it-tajba jistghu ikunu oneruzi hafna. Fil-kaz odjern, din il-Qorti disposta illi taghti din l-opportunita' lill-appellant la darba gia wera li r-rieda tieghu ghat-tfittxija ghat-triq it-tajba gia qed timmaterjalizza;

6. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant kien misjub hati u thassarha f'dik il-parti fejn l-appellant kien ikkundannat ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur u minflok tqieghdu taht ordni ta' probation taht is-sorveljanza ta' ufficcjal ta' probation ghal-perjodu ta' sentejn mil-lum fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. L-ufficcjal tal-probation ghandu jzomm lil din il-Qorti aggornata permezz ta' rapport kull sitt xhur;

7. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza kif ukoll li s-success tieghu jinsab biss f'idejh.